

Brussell, 14 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6937/25

ENV 141
CLIMA 65

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Politiki ambjentali globali - Skambju ta' fehmiet

1. Biex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-27 ta' Marzu 2025, il-Presidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet meħmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

Politiki ambjentali globali

- Skambju ta' fehmi-

Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) huwa l-awtorità globali ewlenija dwar l-ambjent. Minn meta twaqqfet fl-1972, provdiet tmexxija, xjenza u soluzzjonijiet għal firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ambjentali u kkatalizzat l-isforzi u l-kooperazzjoni tal-193 Stat Membru kollha tagħha għall-ġid tal-pjaneta tagħna. Il-mandat tal-UNEP ikopri l-elementi kollha tal-ambjent naturali, inkluż il-klima, l-arja, l-ilma u l-oċeani, il-ħamrija, il-foresti u l-bijodiversità, is-sustanzi kimiċi u l-iskart, kif ukoll spettru wiesa' ta' kwistjonijiet trażversali, inkluż ix-xjenza, il-liġi u l-governanza ambjentali, l-ekonomija ekoloġika, l-effiċjenza fir-riżorsi, id-diżastri naturali u l-kontributi tan-nisa u ż-żgħażaġh għall-protezzjoni ambjentali. Biex ittejjeb l-istat tal-ambjent fuq livell globali hija taħdem mal-gvernijiet nazzjonali, mas-soċjetà ċivili, mas-settur privat u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-protezzjoni ambjentali.

Minkejja l-isforzi kollha li saru minn firxa wiesgħa ta' atturi involuti fil-protezzjoni ambjentali, il-pessjoni fuq l-ambjent globali qed tiżdied b'mod kostanti. Xejriet mhux sostenibbli ta' produzzjoni u konsum ifissru li gradwalment qed naqbru l-limiti planetarji kollha, u nbiddlu kriżi planetarja tripla f'polikriżi, fejn il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ilma, is-saħħa u l-produttività tal-ħamrija, konċentrazzjoni eċċessiva ta' sustanzi kimiċi u ġestjoni ħażina tar-riżorsi kritiċi jsiru fruntieri ġodda f'battalja għal pjaneta b'saħħitha għal kulħadd.

Il-bidliet fil-pajsaġġi ġeopolitiċi, it-tħassib dwar is-sigurtà, id-diżinformazzjoni u l-polarizzazzjoni jwasslu għal bidla fil-prijoritajiet għall-gvernijiet u ċ-ċittadini, minn prosperità fit-tul ibbażata fuq ambjent nadif għal ġestjoni tal-kriżijiet fuq terminu qasir. In-nuqqas ta' qbil dwar il-kawżi u l-prijoritajiet tal-kriżijiet ambjentali u s-soluzzjonijiet għalihom inaqqsu l-fiduċja fil-kapaċità tagħna li nsolvuhom permezz ta' djalogu multilaterali. Id-dewmien fl-implimentazzjoni jippermetti li l-kriżijiet jikbru u l-kostijiet tagħhom jiżdiedu, u dan iwassal għal distakk finanzjarju dejjem akbar bejn il-ħtiġijiet u r-riżorsi disponibbli.

In-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti ġdid dwar it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, juru b'mod ċar it-tħassib kollu msemmi hawn fuq marbut ma' soluzzjonijiet multilaterali għal problemi ambjentali globali kumplessi. Għalkemm id-deċiżjoni li jiġi żviluppat dan l-istrument ittieħdet fl-2022 u l-ħidma kienet mistennija li tiġi konkluża sa tmiem l-2024, matul ħames laqgħat tal-Komitat Intergovernattiv ta' Negożjar (INC), il-partijiet ma setgħux isibu soluzzjoni ta' compromess għal problema globali ovvja li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti. Il-punti ewlenin ta' nuqqas ta' qbil jikkonċernaw l-istadju fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-plastik li fih jeħtieġ li naġixxu, u kif niffinanzjaw kemm l-attivitajiet futuri kif ukoll il-legat tat-tniġġis mill-plastik fl-ambjent. Biex daww il-problemi jiġu indirizzati b'mod effettiv, jeħtieġ li naġixxu kmieni kemm jista' jkun fil-katina tal-valur tal-plastiks, qabel ma jsiru skart li jniġġes l-ambjent.

L-2025 hija sena importanti għall-UNEP, bil-laqqha li jmiss tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent f'Diċembru 2025 f'Nairobi, li fiha l-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-UNEP u l-programm ta' ħidma għall-2026-2029 huma mistennija li jiġu adottati. In-negozjati dwar l-istrument internazzjonali legalment vinkolanti ġdid dwar it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, ser ikomplu fil-5 sessjoni tal-Komitat Intergovernattiv ta' Negożjar f'Ġinevra f'Awwissu 2025. Il-parteċipazzjoni wiesgħa u l-involvement profond tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kemm fil-livell ministerjali kif ukoll f'dak tal-esperti huma tal-akbar importanza għall-konklużjoni b'suċċess taż-żewġ laqgħat. Il-parteċipazzjoni ministerjali hija indispensabbli biex jitkisser l-istagħnar dwar il-kwistjonijiet politikament sensittivi tal-produzzjoni primarja tal-plastik, is-sustanzi kimiċi ta' tħassib u l-finanzjament. Jeħtieġ li nieħdu vantaġġ sħiħ mill-ġarfien espert u r-rabtiet politiċi tagħna biex nidderieġu daww il-laqqha u nindirizzaw b'mod effettiv il-kriżi ambjentali multidimensjonali li qed tevolvi.

Mistoqsijiet lill-Ministri:

1. Kif jistgħu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw kooperazzjoni ambjentali effettiva mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri?
2. Kif jistgħu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll stati oħra b'ambizzjoni għolja, jikkontribwixxu għal eżitu ta' suċċess tan-negozjati dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti ġdid dwar it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, fit-tħejjija għall-INC-5.2 f'Awwissu 2025 f'Ġinevra?
